MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-22 ta' April, 2015

Talba Numru. 754/2014

**Charles Grech & Co. Ltd**

**vs**

**Carmel CAUCHI [ID. Nru. 334273M]**
**Glenn ATTARD [ID. Nru. 366782M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fit-18 ta' Novembru, 2014** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimati, tas-somma ta' tlett elef tlett mija u erbatax-il euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€3,314.92c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Il-kumpanija attrici qed titlob li l-konvenuti jhallsu s-somma ta' €3314.92 (tlett elef tlett mija u erbatax-il ewro u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti prezz ta' xorb u oggetti ohra mibjugha u konsenjati lill-konvenuti.

Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma min issa ngunti in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat Glenn Attard gie debitament notifikat fis-26 ta' Novembru, 2014 (tergo fol. 6) filwaqt li l-intimat l-iehor Carmel Cauchi gie notifikat fit-28 ta' Marzu 2015 (tergo fol. 12), huma baqghu ma kkontestawx it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-15 ta' April, 2015 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar il-15 ta' April, 2015 u l-fatt li l-intimati naqsu li jidhru llum sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimati in solidum bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlett elef tlett mija u erbatax-il euro u tnejn u disghin centezmi ta' euro [€3,314.92c] bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data tal-konsenja tal-merkanzija lilhom mis-socjeta rikorrenti.

L-ispejjez huma kollha ghak-karigu tal-intimati in solidum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------